MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 625/2009

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs**

**Is-socjeta estera Canobbio S.p.A.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-26 ta’ Gunju 2009 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta' tliet mija tlieta u erbghin elf tliet mija disgha u sittin euro u tlieta u tmenin centezmu (€343,369.83) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut b'konnessjoni ma' xogholijiet ta' appalt ezegwiti mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta fit-Tempji ta' Hagar Qim u l-Imnajdra u dan kif jirrizulta mill-annessi

Dokumenti markati 'BBS 1' u 'BBS 2' skond l-anness kuntratt Dok. 'BBS 3'.

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess socjeta attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma halsitx.

4. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-attrici personalment.

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta li thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' tliet mija tlieta u erbghin elf tliet mija disgha u sittin euro u tlieta u tmenin centezmu (€343,369.83) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut b'konnessjoni ma' xogholijiet ta' appalt ezegwiti mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta fit-Tempji ta' Hagar Qim u l-Imnajdra u dan kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti markati 'BBS 1' u 'BBS 2' skond l-anness kuntratt Dok. 'BBS 3'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 996/09, oltre l-imghaxijiet legali b'effett mit-8 ta' April 2009 sal-jum tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:
1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

2. Illi l-ammont ta' ewro 343,369.83 pretiz mis-socjeta attrici huwa ezagerat u mhux gustifikat;

3. Illi l-kejl tax-xoghol fil-fattura mahruga mis-socjeta attrici fil-24 ta' Novembru 2008, hawn annessa Dok. A, huwa hafna aktar mill-kejl tax-xoghol li sar fi-fatt kif ukoll huwa kejl mehud bi ksur ta' klawzola 5 tal-ftehim milhuq bejn il-partijet fil-25 ta' Jannar 2008, hawn anness Dok. B;

4. Illi r-rati applikati f'diversi items tal-istess fattura huma hafna aktar gholja mir-rati fil-"bill of quantities" formanti parti mill-ftehim tal-25 ta' Jannar 2008;

5. Illi l-hIas mitlub mis-socjeta attrici ghall-dawk ix-xogholijiet mhux previsti fil-ftehim hawn fuq imsemmi u allura mhux inkluzi fil-"bill of quantities", huma wkoll ezagerat u hafna aktar gholi mir-rati fuq is-suq;

6. Illi fost ix-xogholjiet li ghalihom is-socjeta attrici qed titlob hlas hemm xoghol illi fil-fatt qatt ma sar;

7. Illi s-socjeta konvenuta mhix responsabbli ghall-hlas ta' xoghol li kellu jsir minhabba zbalji tas-socjeta attrici inkluzi tas-"surveyors" jew impiegati taghha kif jirrizulta minn klawzola 2.6 tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt hawn fuq imsemmi jew ghal xoghol li sar fuq decizjonijiet tas-socjeta attrici stess minghajr il-vera htiega tieghu jew minghajr il-kunsens tas-socjeta attrici;

8. Illi s-socjeta attrici qed titlob hlas permezz tal-fattura hawn fuq imsemmija ukoll ghall-materjal supplit lilha mis-socjeta konvenuta stess ghall-finijiet tax-xogholijiet in kwistjoni;
9. Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, minhabba dewmien ezagerat fix-xoghol da parti tas-socjeta attrici, is-

socjeta konvenuta ghadha ma thallsietx ghax-xoghol li hija ghamlet lill-terzi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza li tirrigwarda biss il-hlas dovut lis-socjeta attrici ghal xoghol ta' appalt maghmul fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta skond ftehim li sar fil-25 ta' Jannar 2008 Dok. BBS3 anness mar-rikors guramentat.

Is-socjeta attrici qed titlob il-hlas totali tax-xogholijiet maghmula fis-somma ta' €535,126.14 inkluz il-VAT skond il-kont Dok. BBS2 a fol. 7 et seq. tal-process li pero minnu tnaqqset percentwali ta' 5% bhala skont, tnaqqsu wkoll tlett pagamenti akkont ammontanti ghal €165,000 li jgibu bilanc dvout ta' €343,369.83. Din l-ispjegazzjoni tinsab fil-prospett Dok. BBS1 a fol. 6 tal-process.

Is-socjeta konvenuta qed tilqa' ghat-talba attrici in kwantu l-ammont mitlub hu esagerat. Il-kwistjoni hi wahda biss dwar il-mertu tekniku ta' dak dovut lis-socjeta attrici mill-appalt minnha esegwit favur is-socjeta konvenuta.

Is-socjeta konvenuta tibbaza l-oppozizzjoni taghha ghal amont mitlub fuq diversi lmenti sintetizzati kif gej:
1. Il-kejl dikjarat mis-socjeta attrici hu hafna aktar mill-kejl tax-xoghol u mehud kontra dak li jipprovdi l-artikolu 5 tal-ftehim;
2. Ir-rati wzati huma hafna aktar mir-rati tal-bill of quantities miftehma;
3. Hlas ghal xoghol mhux previst hu esagerat u oghla mir-rati tas-suq;
4. Hlas ghal xoghol li qatt ma sar. Is-socjeta konvenuta ma tistax tinzamm responsabbli ghal xoghol rimedjali li kellu jsir minhabba zbalji tas-socjeta attrici jew xoghol li sar bla htiega jew kunsens tas-socjeta attrici;

5. Is-socjeta konvenuta mhix obbligata thallas ghal materjal supplit lis-socjeta attrici mill-istess socjeta konvenuta kif qed titlob is-socjeta attrici;
6. Dewmien fl-esekuzzjoni li wassal ghal nuqqas ta' hlas lis-socjeta konvenuta minn terzi.

Il-Qorti nnominat lil Perit tekniku Valerio Schembri biex jevalwa dawn l-ilmenti kollha ta' natura teknika mill-punto di vista ta' dak miftiehem kif ukoll li jikkonsidra t-talba attrici, dan kollu minn dak li jirrizulta li kien il-ftehim bejn il-partijiet.

**L-ewwel kontestazzjoni**

Dwar il-kejl eccessiv u mehud kont dak li jipprovdi l-ftehim il-perit tekniku kkwota l-parti rilevanti tax-xhieda moghtija mill-perit inkarigat mis-socjeta konvenuta AIC Martin Xuereb li xehed li vverifika flimkien ma kollegi tieghu li sabu li l-kejl u ammonti pprezentati mis-socjeta attrici kienu jikkonbacjaw mal-verifiki li ghamlu on site. Il-konvenut jixhed illi ghalhemm Martin Xuereb and Associates kienu responsabbli ghac-certifikazzjoni, iqis li dan ma ghamilx xogholu sew. L-istess ighid it-tekniku tas-socjeta konvenuta Inginier Andrea Angilleri pero dan ibbaza l-kalkoli tieghu fuq id-drawings mhix il-kejl proprju fuq is-sit. Il-Qorti tirrileva illi l-kwantitajiet iffissati fil-fattura mal-ftehim kienu provvizorji u soggetti ghal kejl ezatt wara l-esekuzzjoni tax-xoghol.

Il-perit tekniku analizza mill-lat tekniku l-kwistjonijiet mqajma mill-inginier ex parte tas-socjeta konvenuta Angilleri u wasal ghal konkluzjoni li kellu joqghod fuq il-kejl attwalment ravvizat mill-Perit Xuereb milli fuq kejl maghmul b'mod teoretiku fuq pjanti u stimi. A skans ta' ripetizzjoni dawn il-kostatazzjonijiet teknici jinsabu f'paragrafi 21 sa 24 tar-rapport tekniku. B'dankolllu l-perit tekniku ghamel aggustament zghir f'dak li jirrigwarda l-isteel Gewi rod imsemmi f'paragrafu 25 tar-rapport.

**It-tieni kontestazzjoni**

Dwar din il-kwistjoni l-perit tekniku ghamel il-kostatazzjonijiet teknici u kkonkluda illi partijiet ta' disinn inbidlu u kellu jsir xoghol ta' hadid straordinarju mhux rifless fid-disinn originali, u dawn kellhom jinghataw rata oghla minn dak miftiehem fejn jidhol reinforcement pero fejn jidhlu il-'poles' u rati kellhom jibqghu l-istess kif miftehma.

**It-tielet kontestazzjoni**

Din tirrigwarda l-hlas mitlub mis-socjeta attrici ghal xogholijiet mhux previsti li fil-fehma tas-socjeta konvenuta kienu esagerati. Il-perit tekniku ezamina wahda wahda dawn il-kwistjonijiet li kienu jirreferu ghal (a) fornitura ta' anchor nuts u lock nuts; (b) drilling f'dijametri hafna akbar minn kif miftiehem; (c) jekk ir-rata ghal Gewi poles kellhiex tinkludi l-lock nuts u l-ispejjez relatati; (d) rata ta' steel templates. Hu wasal ghal konkluzjoni li mill-provi teknici kellu jsir aggustamenti biss fuq ir-rati konnessi mal-ewwel u tieni kontestazzjoni kif jirrizulta mill-aggustamenti partita b'partita li ghamel il-perit tekniku f'Dok. VS01 01.

**Ir-raba kontestazzjoni**

Din tirrigwarda talba tas-socjeta attrici ghal xoghol li s-socjeta konvenuta tikkontendi li qatt ma sar. Dawn jikkonsistu skond is-socjeta konvenuta minn (a) tul ta' triq pretiz li ma sarx; (b) hlas ta' Gewi nuts u washers allegatament mhallsa mis-socjeta konvenuta; (c) clean up u removal ta' debris minn access road li ma sarx; (d) hlas ta' kiri ta' container li s-socjeta attrici qatt ma wzat. Wara li ra l-fatti u dokumenti esebiti l-perit tekniku ghamel access fuq il-post, irrizultalu illi dawn l-allegazzjonijiet kienu bla fundament fattwali.

**Il-hames kontestazzjoni**

Din tirrigwarda hlasijiet ghal xogholijiet li s-socjeta konvenuta qed tallega li kellhom isiru biex jirrimedjaw zbalji tal-istess socjeta attrici li qed tirriklamahom u hlasijiet ta' xogholijiet li effettivament qatt ma saru.

Specifikament dawn il-lanjanzi kienu rigward mobilisation u demobilisation ta' certu makkinarju u allegat zball fis-'setting out'.

Fuq din il-kwistjoni l-perit tekniku kkostata li kien hemm mobilisation u demobilisation ta' makkinarju pero dan sar in parti ghal xogholijiet differenti minn dak originarjament ippjanat, u li jekk is-socjeta attrici kellha tiprovdi makkinarju iehor ghal xoghol mhix previst kellha tithallas tieghu. In kwantu ghal fatt li kien hemm dewmien fl-esekuzzjoni ta' xoghol minhabba li l-implementing agency li kienet Heritage Malta waqfet lil kuntrattur sakemm johorgu struzzjonijiet cari, il-perit tekniku kien tal-opinjoni li makkinarju wieqaf jikkonsisti f'idle time u kwindi spiza ghal kuntrattur li ma jistax juzah band ohra. Tenut kont li bhala fatt kien hemm perjodi twal ta' waqfien is-socjeta attrici kienet gustifikata u irhas li titlob hlas ta' mobilisation u demobilisation tal-istess makkinarju mis-sit milli titlob hlas ghal impossibilta taghha li tuza l-makkinarju fi progetti ohra tal-istess socjeta attrici.

In kwantu ghas-setting out il-perit tekniku wasal ghal konkluzzjoni li f'dan ir-rigward, a prescindere min min qabbad is-surveyor, mill-lat tekniku s-socjeta attrici ma kellha ebda htija teknika nonostante li jidher li sar zball ta' setting out ghaliex l-istess socjeta attrici esegwiet ix-xoghol imqabbad lilha u l-problema ma kinitx dwar ix-xogholijiet esegwiti minnha izda diskrepanza fuq is-system points li giet ratifikata bix-xogholijiet esegwiti mill-istess socjeta attrici, u li in ogni kaz is-socjeta konvenuta hallset lis-surveyor kif kien il-ftehim avolja s-surveyor kien tqabbad mill-Perit Martin Xuereb inkarigat mill-progett.

**Is-sitt kontestazzjoni**

Is-socjeta konvenuta qed toggezzjonia li thallas ghal materjal suppliet minnha stess, li skond il-perit tekniku s-socjeta konvenuta donnu qed tirreferi ghal holding down bolts washers u skorfini pero mill-provi irrizulta li s-socjeta attrici pprovdiet hi dawn il-bolts u t-talba taghha ghal hlas taghhom u tax-xoghol ta' tqeghid kienet intitolata ghalilh.

Dwar din il-kontestazzjoni ma giebet ebda prova li s-socjeta attrici kienet responsabbli ghal xi dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol imqabbad lilha u illi kull waqfien mix-xoghol kien dovut ghal stennija li Heritage Malta tapprova l-pjanti jew xogholijiet ohra.

**Konkluzjonijiet tal-perit tekniku**

Wara li l-perit tekniku ezamina l-provi fattwali u teknici kollha hu ghamel il-konkluzjonijiet tieghu riportati f'paragrafi 01 sa 18 tar-relazzjoni tieghu fejn rega' elenka l-lanjanzi kollha u aggusta r-rati f'dawk il-partiti li dehrlu kellhom jigu aggustati u kkonkluda illi l-valur tal-appalt dovut lis-socjeta attrici kien ta' €503,139.24 u mhux €535,124.14 u dan meta jigu komparati l-prospett dettaljat Dok. VS01 01 a fol. 203 et seq. tal-process maghmul mill-perit tekniku mqabbad mill-Qorti in vista tal-konkluzjonijiet kollha teknici maghmula minnu, mal-prospett dettaljat tas-socjeta attrici Dok. BBS2 a fol. 7 et seq. tal-process.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Jinghad illi f'materja ta' valur ta' prova dwar ir-rapport tekniku l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, l-Qorti m'hijiex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il giudizio dell'arte kif espress mill-perit tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi, irragjonevoli. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta il-konkluzzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "infurmata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika" (**Giswarda Bugeja vs Emmanuele Muscat**, Vol. LI/1/390 App Civ; u **Philip Grima vs Carmelo Mamo**, App Civ 29/05/1998). Ara ukoll **Dingli Estates & Co vs Mangion**, deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju, 2002 fejn inghad illi "f'materja ta' perizja teknika japplika l-principju li sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz

li jinducuha li tisostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tekniku, dan ma taghmlux". Finalment fuq dan l-aspett l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista et noe**, 9 ta' Frar, 2001 qalet illi "f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhhu fl-aspetti teknici tal-meritu imma ukoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti nominati minnu".

Il-Qorti tqis li din il-kawza kienet tibbaza ruhha fuq kwistjonijiet fattwali primarjament ta' natura teknika li l-perit tekniku mqabbad mill-Qorti dahal f'dettal metikoluz u minizjuz dwar il-lanjanzi kollha mressqa u l-fatti konessi ma' dawn il-lanjanzi. Din il-Qorti ma ssib xejn li fih tista' tghid li dahlilha dubbju fuq ir-ragunamenti tal-perit tekniku u l-konkluzzjonijiet mressqa minnu. Il-Qorti lanqas giet rinfaccjata b'perizja teknika addizjonali jew tqajjem dubbju minn xi parti dwar dak li kkonstata u kkonkluda l-perit tekniku u f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet kollha raggunti mill-istess perit.

Il-perit tekniku kkonkluda illi l-ammont dovut ghal appalt ghandu jkun €503,139.24 eskluz il-VAT. Is-socjeta attrici qed titlob ammont bilancjali wara li jitnaqqas id-discount ta' 5% u hlas akkont ta' €165,000. Dan ifisser illi l-ammont dovut lis-socjeta attrici hu ta' €312,982.28 (€503,139.24 - 5% - €165,000) u mhux €343,369.83 kif mitlub.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €312,982.28 eskluz il-VAT, bl-ispejjez u bl-imghax mit-8 ta' April 2008 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------